TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 528/10

**Gordon Spiteri**
**vs**
**Anthony Zammit**

Illum 13 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' ħames mija u ħamsin ewro (€550), rappreżentanti prezz ta' affarijiet li kellu fuq l-ixkafef riżultat tal-waqgħa li kellu minn fuq is-sellum, liema sellum inkiser bil-piż tiegħu.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kollezzjonist ta' statwetti żgħar u jpoġġihom fuq l-ixkafef, u kellu bżonn sellum biex ikun jista' jilħaq l-ixkafef ta' fuq u mar jixtri sellum li jiflaħ kapaċita' massima ta' 150 kilos. Meta tela' fuqu, dan is-sellum ċeda bih u waqa' fuq l-affarijiet li tkissru u għalhekk qed jitlob l-ammont ta' ħames mija u ħamsin ewro (€550).

L-intimat issottometta illi s-sellum huwa b'saħħtu u l-mod kif inhu mgħawweġ juri illi r-rikorrenti żelaq fuq is-sellum.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li ra r-ritratti jikkunsidra illi s-sellum huwa ta' kwalita' tajba u l-użu tiegħu huwa biss determinat mir-rikorrenti, pero' mir-ritratti jidher illi l-użu sar ħażin mir-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888